MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**

**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2014

Appell Civili Numru. 35/2010/1

**Dr. Patrick Spiteri**

**v.**

**Dr. Ramona Frendo, Dr. Davinia Cutajar u Registratur Qrati Civili u Tribunali**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tar-rikorrent Dr. Patrick Spiteri tat-13 ta' Jannar 2010 li jaqra hekk:

"Illi r-rikorrent jinsab ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) Rikors. Nru. 261/07/JA.

"Illi r-rikorrenti kien qieghed jigi assistit mill-Avukat Dr. Ramon Frendo u mill-Avukat Dr. Davinia Cutajar f'dawn il-proceduri li fil-kors tal-istess kawza talbu li d-drittijiet taghhom jigu ntaxxati *stante* li r-rikorrent talab lill-istess intimati Dr. Ramona Frendo u Dr. Davinia Cutajar jirrinunzjaw ghall-patrocinju tieghu.

"Illi konsegwentement l-intimati Dr. Ramona Frendo u Dr. Davinia Cutajar talbu u ottjenew taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjez relattivi ghas-servizzi rezi lir-rikorrenti in konnessjoni mal-istess kawza.

"Illi konsegwentement inhargu zewg taxxi ufficjali, wahda tikkoncerna drittijiet u spejjez gudizzjarji fir-rigward ta' Dr. Ramona Frendo fil-kawza Rikors Nru. 261/07 JA u ohra ghal prestazzjonijiet extra-gudizzjarji rezi fil-konfront tar-rikorrent liema taxxa giet mahruga mid-Deputat Registratur tal-Qorti Civili (Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja), liema taxxi kellhom isiru mill-gdid wara li b'sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fir-rikors numru 1204/98 GCD (Dok. "A") gie ordnat li hekk isiru mill-gdid, peress li l-esponent ma giex konsultat fl-ghemil ta' dawn it-taxxi.

"Illi fil-15 ta' Dicembru 2009 l-esponent gie notifikat b'ittra ufficcjali (Dok. "B") li biha l-Avukat Dr. Ramona Frendo u Dr. Davinia Cutajar qed jirrendu esegwibbli taxxa ufficjali li harget fil-25 ta' Awwissu 2009 (Dok. "C").

"Illi jibda biex jinghad illi preliminarjament, it-taxxa ufficjali annessa mal-ittra ufficjali appena msemmija, ma tirreferix ghall-kawza numru 261/07/JA, li hija l-kawza ta' separazzjoni bejn l-esponent u Sylvana Spiteri, u li ghaliha t-taxxa

kellha tirreferi. Minflok l-intestatura ta' din it-taxxa tghid li hija taxxa tal-kawza numru 1204/08 GCD, li huwa proprju r-rikors li kien sar sabiex jikkontesta t-taxxa ufficjali li saret precedentement u li s-sentenza tieghu qed tigi hawn annessa bhala Dok. “A”, u mhux il-kawza ta' separazzjoni.

“Ili minghajr pregudizzju ghas-suespost, *dato ma non concesso* li din hija t-taxxa ghall-kawza ta' separazzjoni 261/07/JA, jinghad illi anke minn element formalistiku, din it-taxxa hija priva minn kull ordni u kjarezza li s-soltu jidhru f’taxxi ufficjali, fis-sens illi l-*items* ta' fuq it-taxxa ma jibdewx minn dakinhar li giet prezentata l-kawza fl-2007, izda jibdew biss mill-15 ta' Jannar 2009, u ghalhekk l-esponent ma jistax jifhem x'tip ta' taxxa hi din, li l-ewwel *'item'* fuqha huwa sentejn wara li bdiet il-kawza.

“Illi fuq kollox id-dati tal-*items* indikati fit-taxxa, u cioe` dawk tal-15 ta' Jannar 2009 u l-24 ta' Marzu 2009, jigu wara li l-Avukati Dr. Frendo u Dr. Cutajar irrinunzjaw ghall-patrocinju taI-esponent, u allura wiehed ma jistax jifhem kif dawn l-items jiffiguraw u huma relatati mad-dritt li huwa allegatament dovut lilhom.

“Illi *di piu`* fl-imsemmija taxxa hemm imsemmija 'nota ta' sottomissjonijiet'. Fil-kawza ta' separazzjoni, cioe` dik li suppost saret it-taxxa fuqha, ma kien hemm l-ebda nota ta' sottomissjonijiet. Kien biss fil-kawza ghal kontestazzjoni tat-taxxa, bin-numru 1204/98 GCD li kien hemm nota ta' sottomissjonijiet. Dan ikompli juri li min hareg it-taxxa ikkonfonda b'mod lampanti l-*items* tal-kawza ta' separazzjoni ma' dawk tar-rikors 1204/98 li kien sar qabel dan odjern, biex jikkontesta t-taxxa ufficjali.

“Illi, fil-mertu, bhal ma gara precedentement, l-esponent ghal darb'ohra rega' ma giex konsultat dwar il-valuri li fuqhom ghandha tinhadem it-taxxa. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fis-sentenza taghha fil-kawza numru 1204/98 (Dok. “A”) kienet diga` dikjarat illi sar hazin illi ma giex konsultat, u li n-nota konguntiva tat-28 ta' Lulju 2008 prezentata fl-atti tal-kawza 261/07 JA ma kinitx bizzejjed biex fuqha tinhadem it-taxxa ufficjali. L-esponent gia` ddikjara li ma kienx qabel ma' dik in-nota konguntiva, u li l-assi/djun tal-komunjoni tal-akkwisti huma ferm differenti minn dawk hemm imsemmija. Minkejja dan, l-intimat Registratur xorta pproceda sabiex ghal darb'ohra johrog taxxa ufficjali b'forma stramba ghall-ahhar kif fuq inghad.

"Illi ghalhekk ir-rikorrent ihoss li l-intaxxar tad-drittijiet professjonali skont it-taxxa ufficjali Dok "C" huwa wiehed, li apparti li rregolari, huwa ingustu ta' pregudizzju kbir ghalih.

"Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha *ai termini* tal-**artikolu 64 ta' Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tirrevoka u tannulla t-taxxa ufficjali hawn annessa u mmarkata bhala Dok "C"."

Rat ir-risposta tal-intimati l-Avukati Dr. Ramona Frendo u Dr. Davinia Cutajar li in forza taghha eccepew illi:

"Illi t-talba tar-rikorrenti hija ingustifikata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti ghar-ragunijiet segwenti.

"Illi fl-ewwel lok, bhala stat ta' fatt, jigi rilevat illi l-esponenti rrinunzjaw ghall-patrocinju tar-rikorrenti f'Lulju 2008, u sal-lum, r-rikorrenti ghadu qieghed jabbuza mis-sistema gudizzjarja sabiex jevadi l-obbligi tieghu versu l-istess esponenti.

"Illi l-pjan abbuziv tar-rikorrenti illi jiddilunga sabiex jeludi d-drittijiet tal-esponenti jirrizulta car u lampanti mis-segwenti:-

"a. illi din hija t-tieni darba illi r-rikorrenti qieghed jattakka Taxxa Ufficjali mahruga mill-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali;

"b. illi in segwitu ghad-digriet moghti wara l-ewwel proceduri ta' ritassa fejn ir-rikorrenti nghata terminu ta' ghoxrin (20) gurnata sabiex jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu bil-ghan illi tinhareg taxxa ufficjali mill-gdid (skont ma jirrizulta mid-digriet relattiv illi kopja tieghu diga` giet esebita in atti mmarkata bhala Dok. "A"), dan baqa' ma ghamel l-ebda sottomissjoni.

“Illi fil-fatt, wara li ghadda t-terminu moghti lir-rikorrenti skont id-digriet (Dok. “A”), l-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali kien hareg id-dokument illi kopja tieghu tinsab hawn annessa u esebita u mmarkata Dok. “DC 1”, liema dokument huwa l-bazi ghall-hrug tat-Taxxa Ufficjali, u jikkalkola d-dritt spettanti lill-esponenti fl-ammont ta' **€20,477.97** [€8,712.04 ghat-talba, *piu`* €8,642.17 ghall-kontro-talba u l-VAT fl-ammont ta' €3,123.76].

“Illi sussegwentement, l-intimat Registratur hareg it-Taxxa Ufficali, illi diga` tinsab esebita in atti mmarkata bhala Dok. “C”, liema taxxa giet reza ezegwibbli mill-esponenti permezz ta' Ittra Ufficali datata 15 ta' Dicembru 2009 (illi kopja taghha wkoll diga` tinsab esebita in atti bhala Dok. “B”).

“Illi jirrizulta illi **bi svista, sar zball mill-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali unikament fl-intestatura tat-Taxxa Ufficjali (Dok.”C” in atti) illi giet reza titolu ezekuttiv mill-esponenti permezz tal-Ittra Ufficali taghhom tal-15 ta' Dicembru 2009. Effettivament il-*quantum* tad-drittijiet tal-esponenti huwa korrett ghaliex jaqbel ezattament mad-dokument Dok. “DC 1”.**

“Illi dan jaghmel sens pien ukoll *stante* illi l-**artikolu 11 tal-iSkeda A, Tariffa A, tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta**, jipprovdi espressament illi d-dritt tal-Avukat ghall-prezentata ta' kull rikors illi jitlob ir-ritassa f'kazijiet bhal dak in dizamina, huwa ta' €46.49 - u certament mhux id-drittijiet indikati fid-Dok. “C”.

“Illi l-esponenti jissottomettu illi dan l-izball essenzjalment dattilografiku ma ghandux iwassal ghan-nullita` tad-dokument u/jew tal-procedura sussegwenti.

“Illi ghandu jinghad illi anke **fir-rikors tieghu, ir-rikorrenti ghal darba, darbtejn, tlieta, jikkwota rikors numru hazin meta jirreferi ghall-proceduri ta' ritassa illi nstemghu quddiem din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta bhala 1204/98 flok 1204/08** - illi jikkonferma illi mhux biss r-rikorrenti wkoll huwa fallibli, izda illi tali zball illi jsir bi svista ma ghandux ikun dirimenti jew fatali ghall-proceduri.

“Illi l-esponenti jaqblu illi fil-proceduri ta' separazzjoni personali bejn ir-rikorrenti u martu ma saru l-ebda sottomissjonijiet u ghalhekk l-ammont attwalment dovut

lill-esponenti huwa ta' **€20,477.97** [€8,712.04 ghat-talba, piu` €8,642.17 ghall-kontro-talba u l-VAT fl-ammont ta' €3,123.76], skont ma jidher mit-Taxxa Ufficali relattiva illi kopja taghha hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok. "DC 2" - u kwindi l-esponenti qeghdin ghal kull *buon fini* jirriducu t-talba taghhom fir-rigward tad-drittijiet taghhom rezi ezegwibbli permezz tal-ittra ufficjali (Dok. "B") ghall-ammont ta' **€20,477.97**.

"Illi ghalhekk isegwi illi: -

"- L-ammont dovut lill-esponenti ghas-servizzi minnhom rezi fil-kawza 261/07/JA fl-simijiet "**Sylvana Spiteri vs Patrick Spiteri**" jammontaw ghal €20,477.97, (inkluz il-VAT), skont Dok. "DC 1" u Dok. "DC 2";

"- L-esponenti qieghdin jirriducu l-pretensjoni taghhom kif dedotta fl-ittra ufficali (Dok. "B") ghal €20,477.97;

"- Ir-rikorrenti effettivament ma soffra l-ebda pregudizzju *stante* illi *piu` comprende il meno* u ghalhekk ma hemmx lok illi jergghu jsiru proceduri mill-gdid sabiex tigi reza ezegwibbli t-Taxxa Ufficjali (Dok. "B");

"- L-istess Taxxa Ufficali (Dok. "B") ma tistax tigi attakkata mill-gdid kif qieghed jittenta jaghmel r-rikorrenti illi ma ghamel ebda lamentela fil-mertu, izda qieghed sempliciment jiddendel ma' proceduralizmu rigoruz naxxenti mill-fallibbilta` umana, illi jmur kontra l-ispirtu tal-Ligi taghna;

"- Ir-rikorrenti ma ghamel l-ebda sottomissjoni wara d-digriet tat-23 ta' Gunju 2009 (Dok. "A"), illi llum jikkostitwixxi *res iudicata*, u ghalhekk issa huwa prekluz ghal dejjem milli jerga' jittenta jattakka t-Taxxa Ufficjali mahruga abbazi tal-istess (Dok. "B").

"Illi fl-ahhar nett, assolutament minghajr pregudizzju ghall-premess u *in linea* sussidjarja ghall-istess, l-izball uman illi wassal ghall-intavolar abbuziv tal-proceduri odjerni mir-rikorrenti gie kommess mhux mill-esponenti izda mill-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali u kwindi l-ispejjez ta' dawn il-

proceduri ghandhom jigu sopportati unikament mir-rikorrenti u/jew mill-istess intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali, u mhux mill-esponenti."

Rat is-sentenza li tat il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Ottubru 2010, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:

"... ... filwaqt li tilqa' r-risposta tal-intimati Avv. Dr. Ramona Frendo u l-Avv. Dr. Davinia Cutajar datata 5 ta' Frar 2010 biss in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, u wara li hadet konjizzjoni li l-pretensjoni tal-istess intimati giet permezz tal-istess risposta ridotta ghall-ammont ta' €20,477.97, **tichad it-talba tar-rikorrenti fir-rikors tieghu datat 13 ta' Jannar 2010** peress li huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi

"Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Dr. Patrick Spiteri."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi din hija procedura fejn biha r-rikorrenti qed jattakka skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 64 tal-Kap. 12** t-taxxa legali li mahruga mir-Registratur tal-Qorti ghad-drittijiet spettanti lill-Avukati Dr. Ramona Frendio u Dr. Davinia Cutajar (Dok. "C") wara li huma rrinunzjaw ghall-patroncinju tar-rikorrenti odjern fil-kawza ta' separazzjoni fl-ismijiet " Sylvana Spiteri vs Patrick Spiteri" (Rikors Numru 261/07/JA) datata 25 ta' Awissu 2009 u giet reza esekuttiva permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Settembru 2009 (Dok. "B").

"Illi l-ilmenti tar-rikorrenti li tali taxxa legali hija nulla peress li l-istess taxxa Dok. "C" tirreferi ghall-intestatura tal-procedura tar-Rikors numru 1204/08/GCD u mhux ghall- kawza ta' separazzjoni Rikors Numru 261/07/JA; jinghad li fl-istess taxxa l-*items* ma jirreferux ghad-data meta nbdiet din il-kawza fl-2007, izda jibdew mill-15 ta' Jannar 2009 tant li d-dati ndikati huma dawk tal-15 ta' Jannar

2009 u 24 ta’ Marzu 2009, li hija d-data wara li l-avukati li kienu jippatrocinaw lir-rikorrenti rrinunzjaw ghall-patroncinju tal-istess; fl-istess taxxa hemm indikat li saret nota ta’ osservazzjonijiet, li ma saritx fil-kawza ta’ separazzjoni, izda fil-procedura Rikors Numru 1204/08/GCD li giet attakkata l-ewwel taxxa li giet mahruga sabiex tindika d-drittijiet tal-istess avukati llum intimati; fl-ahharnett jinghad li r-rikorrenti rega ghal darba ohra ma giex konsultat meta inharget it-tieni taxxa konsegwenti ghall-provediment tal-Qorti datat 23 ta’ Gunju 2000 (Dok. “A”).

“Illi dwar dan jinghad li jirrizulta li d-difensuri legali llum intimati kienu jippatrocinaw lill-rikorrenti odjern fil-kawza ta’ separazzjoni fl-ismijiet “Sylvana Spiteri vs Patrick Spiteri” (Rikors. Numru 261/07/JA), u li l-istess irrinunzjaw ghall-patroncinju tal-attur fl-istess kawza permezzz ta’ nota datata 28 ta’ Lulju 2008 (prezentata man-nota tar-rikorrenti fl-dawn il-proceduri datata 19 ta’ Mejju 2009); harget taxxa skont presumibilment il-valuri indikati fl-istess nota tat-28 ta’ Lulju 2008, liema taxxa hija esebita bhala Dok. “R1” annessa man-nota tar-Registratur Qrati Civili u Tribunali (Registratur) f’din il-procedura datata l-1 ta’ Gunju 2010; din it-taxxa giet resa esekuttiva permezz ta’ ittra ufficjali datata 10 ta’ Ottubru 2008 li giet notifikata fit-3 ta’ Novembru 2008 (fol. 3), izda l-istess taxxa giet attakkata mir-rikorrenti odjern permezz tal-proceduri fir-rikors numru 1204/2008 fl-ismijiet “Dr. Patrick Spiteri vs Av. Ramona Frendo et” liema rikors gie deciz fit-23 ta’ Gunju 2009.

“Illi fl-istess provediment inghad li t-taxxi hemm impunjati hargu biss a bazi ta’ nota pprezentata minn dawk li kienu d-difensuri tar-rikorrenti odjern fil-kawza ta’ separazzjoni u allura harget fuq stqarrija unilaterali tal-istess, minghajr ma rikorrenti inghata l-opportunita’ li jressaq il-vantazzjonijiet tieghu dwar l-istess, u ghalhekk il-Qorti hassret l-istess taxxi mertu tal-procedura ndikata u tat lir-rikorrenti odjern terminu ta’ ghoxrin jum mid-data tal-istess digriet sabiex jipprezenta l-osservazzjonijiet dwar it-taxxi mertu tal-istess proceduri, u dderigiet lir-Registratur sabiex jahdem it-taxxa mill-gdid wara li jqis l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti jew wara li jkun ghadda ghalxejn iz-zmien moghti mir-rikorrenti.

“Illi effettivament jirrizulta li r-rikorrenti odjern ipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet fit-terminu moghti lilu mill-Qorti, tant li l-istess nota hija datata 13 ta’ Lulju 2009, ghalkemm l-istess nota ma gietx pprezentata fl-atti tal-kawza ta’ separazzjoni Rikors Guramentat Numru 261/07, izda fl-atti tar-Rikors fejn giet attakkata l-ewwel taxxa Rikors Numru 1204/08/GCD u dan kif jirrizulta car minn Dok. “CG” a fol. 22 tal-process.

"Illi konsegwenti ghal dan harget taxxa riveduta ghal dak li huma spejjez gudizzjarji fil-kawza ta' separazzjoni Rikors Guramentat Numru 261/07 fl-ismijiet "Sylvana Spiteri vs Patrick Spiteri" (Rikors. Numru 261/07/JA) datata 25 ta' Awwissu 2009 (Dok. "C"), u dan abbazi ta' dak indikat fil-*workings* ghall-istess skont Dok. "R2" esebit man-nota tar-Registratur datata l-1 ta' Gunju 2010. Din it-taxxa giet resa esekuttiva permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Settembru 2009 (Dok. "B") spedita mill-intimati avukati kontra r-rikorrenti odjern, u l-istess giet notifikata lilu fil-15 ta' Dicembru 2009 (fol. 8).

"Illi wara saret din il-procedura proprju sabiex tigi attakkata din it-taxxa ghall-allegazzjonijiet indikati f'dan ir-rikors u gja elenkati iktar il-fuq f'dan il-provediment. L-ewwel ilment huwa li t-taxxa riveduta relattiva ghall-kawza ta' separazzjoni fl-ismijiet " Sylvana Spiteri vs Patrick Spiteri" (Rikors. Numru 261/07/JA) hija nulla peress li l-istess taxxa Dok. "C" tirreferi ghall-intestatura tal-procedura tar-Rikors numru 1204/08/GCD u mhux ghall- kawza ta' separazzjoni Rikors Numru 261/07/JA, izda fil-verita' bi svista' ghaliex skont in-nota tad-deputat registratur tal-Qorti (Dok. "R2"), li konsegwenti taghha harget it-taxxa impunjata Dok. "C", ma hemmx dubju li tali taxxar sar fuq il-kawza ta' separazzjoni li hija r-rikorrenti odjern kien intimat; dan l-izball sehh ukoll peress li n-nota pprezentata mir-rikorrenti odjern stess skont id-digriet datat 23 ta' Gunju 2009 fl-atti tar-rikors 1204/2008, giet prezentata proprju fl-atti tar-rikors 1204/2008 (fol. 22) u mhux fl-atti tal-kawza ta' separazzjoni Rikors Numru 261/07/JA kif naturalment kellu jsir. Din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda dubju li tali taxxa esebita bhala Dok. "C" kienet tirreferi ghad-drittijiet tal-avukati intimati odjerni wara r-rinunzja taghha fil-kawza ta' separazzjoni u certament mhux ghad-drittijiet taghhom fil-procedura fejn giet attakata l-ewwel taxxa u li giet degretata fit-23 ta' Gunju 2009 (Rikors Numru 1204/2008) u fl-ittra ufficjali datata 4 ta' Settembru 2009 ssir riferenza proprju ghall-istess kawza "Sylvana Spiteri vs Patrick Spiteri" (Rikors Numru 261/07/JA). Jekk jigi kkunsidrat li s-sottomissjoni tar-rikorrenti odjern konsegwenti ghad-digriet tat-23 ta' Gunju 2009 saret fl-atti tal-istess rikors (u mhux fil-kawza) jigi li r-rikorrenti stess ma jkunx aderixxa ruhu fit-terminu ndikat fl-istess digriet ghaliex tali nota kellha tigi prezentata mhux f'dawk l-atti izda fil-kawza ta' separazzjoni. Ghalhekk l-ewwel lamentela qed tigi michuda.

"Illi t-tieni lamentela huwa li gie sottomess li fl-istess taxxa l-items ma jirreferux ghad-data meta nbdiet din il-kawza fl-2007, izda jibdew mill-15 ta' Jannar 2009 tant li d-dati ndikati huma dawk tal-15 ta' Jannar 2009 u 24 ta' Marzu 2009, li hija d-data wara li l-avukati li kienu jippatrocinaw lir-rikorrenti rrinunzjaw ghall-patroncinju tal-istess, izda din ma timporta l-ebda nullita' tal-istess taxxa ghaliex jidher car li l-istess taxxa nhadmet fuq it-talbiet attrici u l-kontro-talba fil-kawza

ta' separazzjoni u fuq il-bazi ta' rinunzja tad-difensuri tar-rikorrenti odjern fl-istess kawza skont id-disposizzjonijiet tal-**Iskeda A, Tariffa E artikoli 13 u 33 tal-Kap. 12.**

"Illi t-tielet ilment tar-rikorrenti odjern huwa li fl-istess taxxa hemm indikat li saret nota ta' osservazzjonijiet, li ma saritx fil-kawza ta' separazzjoni, izda fil-procedura Rikors Numru 1204/08/GCD fejn giet attakkata l-ewwel taxxa li giet mahruga sabiex tindika d-drittijiet tal-istess avukati llum intimati; dan huwa minnu, izda dan ma jwassalx ghat-thassir tal-istess taxxa legali kollha izda biss li l-ammont intaxxat fl-istess taxxa jigi ridott ghall-ammont ta' €20,477.97, kif indikat fir-risposta tal-odjerni intimati avukati datata 5 ta' Frar 2010 fis-sitt u seba' paragrafu a fol. 15 tal-process u fil-fatt l-istess intimati rriducew il-pretensjoni taghhom kif dedotta fl-ittra ufficjali Dok. "B" ghall-istess ammont.

"Illi fl-ahharnett jinghad li r-rikorrenti rega ghal darba ohra ma giex konsultat meta nharget it-tieni taxxa konsegwenti ghall-provediment tal-Qorti datat 23 ta' Gunju 2000 (Dok. "A"). Jirrizulta li effettivament l-istess rikorrenti pprezenta nota datata 13 ta' Lulju 2009 u jirrizulta li Frank Mercieca, dak iz-zmien Agent Registratur tal-Qorti ha konjizzjoni tal-istess, izda sab li minn dak provdut fl-atti gudizzjarji tal-kawza ta' separazzjoni huwa kellu jahdem fuq il-valuri ndikati fin-nota tal-avukati odjerni intimati datata 28 ta' Lulju 2008 (ipprezentata man-nota tar-rikorrenti datata 19 ta' Mejju 2010) u dan anke kif jidher mill-*workings* tal-istess taxxa esebiti b'nota tar-Registratur datata l-1 ta' Gunju 2010 bhala Dok. "R2"; dan ma jfissirx allura li ma hax konjizzjoni ta' dak sottomess mir-rikorrenti odjern (anke jekk prezentat fl-atti tar-rikors 1204/08/GCD), izda ma qabilx ma dak sottomess mir-rikorrenti ghall-valuri ndikati, u dan ghaliex il-valuri ndikati fin-nota datata 28 ta' Lulju 2008 tal-avukati tal-intimati hija riflessa mid-dokumenti esebiti fl-istess kawza ta' separazzjoni nkluzi Dok. "A" sa "D" annessi mal-istess nota u jidher li intaxxar sar a bazi tal-**Iskeda A, Tariffa E artikoli 13, 16 u 33 tal-Kap. 12,** u hawn issir riferenza ghad-digriet datat 23 ta' Gunju 2009 fejn saret riferenza specifika proprju ghall-**artikolu 13 tal-istess Tariffa E tal-Kap. 12.**

"Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti sabiex tali taxxa ufficjali (Dok. "C") tigi revokata u annulata qed tigi michuda, b'dan pero' li abbazi ta' dak premess u in vista tar-riduzzjoni tal-pretensjonijiet tal-intimati avukati fir-risposta taghhom datata 5 ta' Frar 2010, l-ammont dovut skont l-istess taxxa legali (Dok. "C") u konsegwenti ittra ufficjali huwa dak ta' €20,477.97, u l-istess taxxa legali u konsegwenti ittra ufficjali huma veljanti ghall-istess ammont ta' €20,477.97."

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrent li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab sabiex din il-Qorti joghgobha:

> "... ... thassar u tirrevoka l-provvediment suddett u dan billi tilqa' t-talba tal-appellant u tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati.

> "Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati."

Rat ir-risposta tal-intimati l-Avukati Dr. Ramona Frendo u Dr. Davinia Cutajar li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettew illi din il-Qorti:

> "… … ghandha tichad l-appell tal-appellanti u tikkonferma s-sentenza appellata fl-interita` taghha, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti, u bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 229(9)** tal-**Kap. 12** tal-**Ligijiet ta' Malta** jekk din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun."

Rat ir-risposta tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

> "… … tichad *in toto* l-appell tal-appellanti bhala nfondat fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjez kollha kontra l-istess appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi jirrizulta li l-intimati l-avukati Dr. Ramona Frendo u Dr. Davinia Cutajar talbu illi jigu intaxxati d-drittijiet dovuti lilhom, kemm gudizzjarji kif ukoll extra gudizzjarji, ghas-servizzi legali li taw lill-Dr. Patrick Spiteri fi proceduri ta' separazzjoni li ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Familja (rikors numru 261/07), u dan peress illi l-istess Dr. Spiteri ma riedx li jibqa' patrocinat bl-imsemmija zewg avukati. L-imsemmija zewg avukati rrinunzjaw ghall-patrocinju tar-rikorrent f'Lulju 2008. L-ewwel taxxi li nhargu favur l-imsemmija zewg avukati gew revokati mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'sentenza tat-23 ta' Gunju 2009 (rikors numru 1204/08), u inghata s-segwenti provvediment:

> "Il-Qorti ghalhekk tilqa' t-talba tar-rikorrent ghat-thassir tat-taxxa ta' drittijiet kemm gudizzjarji u kemm extra-gudizzjarji. Billi r-rikorrent issa jaf bin-noti tal-ewwel intimati u bil-kontenut taghhom, ma huwiex mehtieg li jerga' jigi notifikat bihom, u l-Qorti taghtih ghoxrin jum mil-lum biex jaghmel l-osservazzjonijiet tieghu dwarhom u tidderigi lir-Registratur sabiex jahdem it-taxxa ta' drittijiet mill-gdid wara li jqis ukoll l-osservazzjonijiet tar-rikorrent jew wara li jkun ghadda ghalxejn iz-zmien moghti lir-rikorrent."

Wara dan, ir-Registratur tal-Qorti hareg taxxa gdida fil-25 ta' Awwissu 2009, li l-imsemmija zewg avukati nnotifikaw lir-rikorrent b'ittra ufficjali tal-4 ta'

Settembru 2009. Ir-rikorrenti fetah dawn il-proceduri fejn qed jittanta jattakka din it-tieni taxxa ufficjali. Ir-rikorrenti ressaq diversi "nuqqasijiet" li, skont hu, iwasslu ghan-nullita` tat-taxxa. L-ewwel Qorti, wara li qieset il-provi u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, cahdet it-talba tar-rikorrent ghat-thassir tat-taxxa l-gdida, izda r-rikorrent ressaq issa dan l-appell fejn, tista' tghid, qed jerga' jsostni n-"nuqqasijiet" li elenka fil-bidu ta' dawn il-proceduri, u ohra gdida.

Bhala l-ewwel "nuqqas", ir-rikorrent jindika zball fl-intestatura tat-taxxa fis-sens li din inghatat in-numru 1204/08 flok in-numru 261/07 li hi tal-kawza li taghha ntalbu d-drittijiet. Din il-Qorti tara li hawnhekk ir-rikorrent qed jipprova jiggranfa ma' zball dattilografiku sabiex jeludi d-drittijiet ta' dawk li kienu l-avukati tieghu billi jisforza l-hrug ta' taxxa gdida. Ma hemmx dubbju li t-taxxa tirreferi ghas-servizzi li taw l-avukati fil-kors tal-kawza ta' separazzjoni bejn ir-rikorrent u martu, u l-ammont tad-drittijiet jindika li, fil-fatt, it-taxxa inhadmet u hi marbuta mal-atti tal-kawza rikors numru 261/07. Zball mill-intimat Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali unikament fl-intestatura tat-Taxxa m'ghandux iwassal ghan-nullita` tal-istess.

F'kuntest differenti, din il-Qorti osservat li zball fid-data tal-konvenju fl-ittra ufficjali li ntbaghtet biex tesegwixxi l-istess konvenju, ma jgibx ghan-nullita` tal-istess ittra ufficjali jew li dik l-ittra ufficjali tkun bla effett, la darba kien car ghal-liema konvenju kienet qed issir referenza – ara **Azzopardi et v. Vella et**,

deciza fis-6 ta' Ottubru 1999. Anke hawn, hu car li t-taxxa inkwistjoni tirreferi ghal kawza ta' separazzjoni bejn ir-rikorrent u martu, u r-rikorrent m'ghandux jithalla japprofitta ruhu ingustament mill-izball li sar.

Illi bit-tieni "nuqqas" tieghu, ir-rikorrenti jinnota li fit-taxxa hemm zbalji formalistici, fis-sens li t-taxxa ma tibdiex minn meta gietipprezentata l-kawza fl-2007, izda minn Jannar tal-2009, hemm *items* li jirreferu ghal atti li sehhew wara li l-imsemmija zewg avukati rrinunzjaw ghal patrocinju tar-rikorrent, u hemm intaxxat dritt ta' nota ta' osservazzjonijiet li ma gietx ipprezentata fil-kawza. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti fuq dan, li dawn l-izballji ma jimpurtawx nullita` tal-istess taxxa ghax bhala fatt, l-istess taxxa inhadmet fuq it-talbiet attrici u l-kontro-talba tal-konvenut fil-kawza ta' separazzjoni, u zbalji f'riferenzi ta' dati ma jhassrux it-thaddim validu li jkun sar. Dwar ir-referenza ghan-nota ta' osservazzjonijiet, l-avukati intimati jaqblu li din ma gietx ipprezentata f'atti tal-kawza ta' separazzjoni u qablu li jirriducu l-pretensjoni taghhom bid-dritt relattiv, b'dan li allura l-pretensjoni taghhom giet ridotta ghall-ghoxrin elf, erba' mija sebgha u sebghin Euro u sebgha u disghin centezmi (€20,477.97).

Din il-Qorti trid, hawnhekk, ticcensura lir-Registratur tal-Qorti Civili ghad-disattenzjoni li wera fil-formular tat-taxxa inkwistjoni. Ghalkemm din il-Qorti mhux se thassar it-taxxa fuq bazi ta' formalizmu, tghid li ghandu jkun hemm aktar attenzjoni fil-hrug ta' taxxa ufficjali biex jigu evitati zbalji ta' dattilografija

jew ta’ riferenzi u dan biex jigu evitati kwistjonijiet bhal dawn meritu ta’ din il-kawza. Dawn l-izbalji tal-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali wasslu ghal diversi kwistjonijiet bejn il-partijiet, u dan il-fatt sejjer ikun rifless fil-*capo spese*.

Fit-tielet “nuqqas” indikat mir-rikorrent, hu senjalat li r-Registratur li hadem it-taxxa ma qiesx in-nota tal-osservazzjonijiet li hu ressaq wara s-sentenza tat-23 ta’ Gunju 2009. Fil-fatt, irrizulta li r-rikorrent kien ipprezenta n-nota fit-terminu lilu moghti mill-Qorti fis-sentenza taghha, ghalkemm giet ipprezentata f’kawza zbaljata u mhux dik ta’ separazzjoni bejn ir-rikorrent u martu. Id-deputat registratur li effettivament hadmet l-abboz tat-taxxa qalet li hadmet fuq in-nota tal-imsemmija zewg avukati biss, ghax in-nota tar-rikorrent qatt ma giet f’idejha, pero`, ir-registratur, li taht ir-responsabbilta` tieghu harget it-taxxa, qal li ezamina l-*workings* u ha konjizzjoni taz-zewg noti, izda wara ezami tal-atti fil-kawza ta’ separazzjoni qies li t-thaddim li sar fuq il-valuri indikati fin-nota tal-imsemmija zewg avukati kienu aktar jirrispekkjaw il-verita` tal-konsistenza tal-assi.

Hu risaput li taxxa tal-ispejjez trid tinhadem fuq l-interess tal-partijiet fil-kawza, u tinhadem a bazi ta’ dak li jirrizulta mill-atti <u>kollha</u> fi process. Kif qalet il-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Grech noe v. Abela et**, deciza fil-25 ta’ Jannar 2002:

> *"Meta mill-massa litigjuza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa ghandha tigi fuqu regolata, cioe` ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett taghha. Minn dana jitnissel li l-ezami ghandu jirraggira ruhu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-'Quod disputatum est', li jista' jigi ragjonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-process; u ghal dana l-fini jistghu u ghandhom iservu tant id-dikjarazzjonijiet orali, u 'multo magis' l-iskritturi mdahhla fil-proceduri bil-miktub, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jkunu gew proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati jigux imbaghad finalment milqugha jew michuda."*

Avukat li ma jibqax jippatrocinja klijent f'kawza ghandu dritt ghal-hlas tieghu immedjatament, u mhux obbligat joqghod jistenna li l-kawza tigi determinata, specjalment meta tqis li darba li Avukat johrog minn kawza ma jkollux aktar kontroll fuq l-andament tal-kawza. Biex jista' jigi stabbilit x'inhu d-*'dritt normali'* mhux mehtieg li wiehed joqghod jistenna l-ezitu finali ta' kawza biex dan jigi determinat, u dan jista jigi kkalkulat fi kwalunkwe stadju tal-kawza. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Manche` v. Gauci Maistre**, deciza fl-20 ta' Marzu 1989, il-valur in kontestazzjoni ghandu johrog mill-massa litigjuza; b'hekk ghandu jigi studjat u ezaminat x'inhu l-oggett tat-talba u t-tassazzjoni ssir *ad valorem* u mhux bhala semplici artikolu jew dikjarazzjoni. Fil-fatt din il-Qorti osservat li ma hemm xejn hazin u rregolari li taxxa tigi bazata fuq il-*quantum* tad-danni pretizi mill-attur f'mandat ta' sekwestru. Hekk ukoll il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza **Tonna v. Staines et**, deciza fit-23 ta' Frar, 1935 osservat li t-talba mhijiex dik biss li tinkiteb fic-citazzjoni; is-somma ta' flus li ntalbet tista' tidher miktuba f'kull kitba mressqa quddiem il-Qorti waqt is-smiegh tal-kawza. Kwindi, ir-registratur, qabel ma johrog taxxa, m'ghandux ghalfejn jistenna s-sentenza biex johrog id-*'dritt normali'*, ghax dan jiddependi mill-massa

litigjuza, u darba dan ikun jirrizulta, jista' jipprocedi li johrog id-*'dritt normali'* tal-kawza, u wara jikkalkula dak dovut lill-Avukat li jkun telaq lill-klijent fil-kors tal-kawza skont il-paragrafu 33 tat-Tariffa rilevanti.

Id-*'dritt normali'* huwa bbazat fuq dak li jirrizulta mill-process, u jekk ghandu fuqhiex jista' jibbaza t-taxxa (anke xhieda tal-attur li jiddikjara li jippretendi danni aktar minn dawk indikati – **Sammut v. Reg. Qorti Superjuri** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta' April 1983), hu ghandu jipprocedi li johrog taxxa meta jigi mitlub li jaghmel dan ghal skop legittimu, bhalma hu l-kaz ta' Avukat li jitlaq lill-klijent jew jigi abbandunat minnu.

Fid-dawl tal-premess, jirrizulta li r-registratur, qabel ma hareg it-taxxa inkwistjoni, ghamel sew li ezamina dak li seta' jiddezumi mill-atti tal-process, u ma qaghadx biss fuq dak li ssottomettew il-partijiet. Il-valur johrog mill-massa litigjuza, u l-fatt li l-valuri setghu gew indikati minn atti tas-subbasta u atti ohra li lilhom ir-registratur gie riferit, ma jfissirx li sar ezami hazin, la darba dawk l-atti kienu gew ipprezentati fil-kawza ta' separazzjoni mill-intimati zewg avukati. Ir-rikorrenti, fin-nota tal-osservazzjonijiet li huwa ressaq wara s-sentenza msemmija, avvolja kien jaf bil-kontenut tan-nota tal-intimati zewg avukati, ma ressaq ebda prova u/jew dokument illi jiskartaw il-valuri sottomessi mill-intimati zewg avukati. Meta tqis li l-valuri tal-imsemmija intimati kienu sostnuti minn dokumenti (pubblici gudizzjarji) u dawk tar-rikorrenti le, din il-Qorti tara li

ghamel sew ir-registratur li ta affidament lin-nota pprezentata mill-imsemmija intimati zewg avukati.

Bir-raba' "nuqqas" tieghu, ir-rikorrent jissolleva punt li ma giex sollevat fir-rikors promotorju tieghu u, allura, ma giex trattat u deciz mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti, ghalhekk, mhiex tenuta tqis l-aggravju relattiv pero` sejra taghmel dan ghal fini ta' kompletezza. Ir-rikorrent jghid illi r-registratur ghamel hazin li intaxxa mhux biss it-talba izda wkoll il-kontro-talba. Ir-rikorrent jistrieh fuq sentenza moghtija fid-29 ta' Jannar 2010 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) (Gurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) fil-kawza fl-ismijiet **Camilleri v. Registratur tal-Qorti (Ghawdex)**. Din is-sentenza, pero`, giet imhassra u revokata minn din il-Qorti b'sentenza tat-2 ta' Lulju 2010 minhabba teknikalita` procedurali.

Trattat il-punt, din il-Qorti tqis li talba u kontro-talba f'kawza huma distinti u separati, b'mod li jistghu jitqiesu bhala zewg rikorsi awtonomi. Kif qalet din il-Qorti fil-kawza **Meilaq noe v. Attinel noe**, deciza fil-5 ta' Ottubru 2001, il-kontro-talba hija azzjoni distinta mill-kawza attrici. Il-Qorti qalet dan a propozitu:

> *"Affermat il-principju li l-att tac-cittazzjoni u l-kontro-talba jippromwovu zewg azzjonijiet distinti li kellhom ezistenza indipendenti u awtonoma, tant li hu pacifiku li l-kontro-talba setghet tibqa' tigi konsidrata u deciza, nonostante illi t-talba attrici tkun giet ceduta, wiehed kellu proprjament jasal ghal konkluzjoni*

> *inevitabbli li kemm l-azzjoni, kif ukoll il-kontro-talba kellhom in-natura proprja taghhom, u kienu konnessi biss sal-punt illi l-ligi, fil-limiti wiesa kif issa emendata, tesigi biex il-konvenut ikun jista' jipproponi kontro-talba."*

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Farrugia v. Farrugia**, deciza fis-6 ta' Marzu 2003, kienet osservat illi l-iskop tal-kontro-talba huwa *"sabiex zewg kawzi bejn l-istess partijiet jinstemghu fi process wiehed",* li jfisser, allura, li z-*"zewg kawzi"* jridu jigu intaxxati separatament, b'mod li kull wahda mit-talbiet maghmula fil-proceduri jridu jigu intaxxati (ara **Caruana v. Buhagiar**, deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Jannar 1959). Dan aktar u aktar f'dan il-kaz meta l-kontro-talba mressqa mir-rikorrenti kellha utilita` indipendenti mit-talbiet ta' martu, meta talab il-kura u l-kustodja tal-minuri, u d-dekadenza ta' martu ai termini tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodici Civili, b'din tal-ahhar tinvolvi ezami tar-responsabbilta` ghall-firda, u ezami tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tar-rikorrent Dr. Patrick Spiteri billi tichad l-istess u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk ta' prim istanza, jithallsu kwart ($^1/_4$) mill-intimat Registratur Qrati Civili u Tribunali u tliet kwarti ($^3/_4$) mill-appellant rikorrent Dr. Patrick Spiteri.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------